Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 90/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Vincent Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Vincent Attard ta’ 30 sena iben Pauline nee’ Attard, mwieled Pieta fl-1 ta’ Jannar 1976 u residenti 109, Republic Street Valletta, ID 50276(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-27 ta’ Frar 2007 u fil-jiem ta’ qabel

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat General ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni pjuttost bikri tal-proceduri, ghalkemm ma saritx fl-ewwel seduta, izda saret qabel il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi, il-fedina penali rafrettarja tant li l-fedina penali aggornata fiha 19-il kundanna, hafnam innhom relatati ma abbuz ta' droga, inkluz traffikar u serq. Huwa nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati tant li nghata 4 darbiet liberta kundizzjonata, tpogga that

Probation Order, inghata 3 sentenzi sospizi u ntbghat darbtejn il-habs. Pero minn dan kollu jidher li l-imputat ma tghallem xejn. Fil-fatt l-ewwel kundanna tieghu ghal pussess semplici ta' droga imur lura ghall-1994, u l-hati ghandu bl-istess problema sa llum.

Kemm mill-istqarrija tal-hati kif wkoll mir-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li kien hemm diversi bicciet ta' foil fejn instabu tracci ta' eroina. Fil-fatt mir-rapport tax-xjenzat Sammut jirrizulta li kien hemm 4 bicciet ta' foil bi tracca ta' l-eroina. Fl-istqarrija tieghu il-hati ammetta li dawk il-bicciet ta' foil kienu tieghu. Il-fatt li kien hemm tracci fuq il-foil huma indikazzjoni li kien hemm id-droga u li dik id-droga giet ikkunsmata. Billi instabu 4 bicciet foil bi tracca ta' droga, dan ifisser li l-imputat abbuza mid-droga ghall-inqas 4 darbiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) xhur habs effettivi.

In oltre a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti nominati fl-inkjesta.

Tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet esebiti that il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------